

# FI PJAZZA SAN MARK

Anton Buttiġieġ

Phyllis Debono
Is-Seminarju tal-Virtù



Malli wasalt Venezja
mort il-pjazza
ta’ ħdejn San Mark, u
kif rani l-ħamiem

ġie malajr jiġri, u qagħad idur madwari,
u tani l-merħba bik u xtaqli s-sliem.





Jien xtrajt il-qamħirrum u bdejt nitimgħu,
u waħda bajda telgħet fuq idejja,

u malli telgħet, tefgħet ħarsa ħelwa

ta’ mistoqsija ċassa ġo għajnejja





U qaltli: “Qiegħda nagħrfek...
tliet snin ilu ġo din il-pjazza

int ħadt ritratt mal-mara,

u jekk tiftakar jien tlajt niekol

mn’idha ...

illum kif kien ġejt waħdek?
Għidli ... x’ġara?”

Hawn qalbi nqasmet tnejn, u kelma waħda
ma stajtx ingħid, u fl-għoli lejn is-sema
jien ħarist biex infissrilha sewwa
li marti kienet tal-ħenjin mal-ġemgħa.





Hawn il-ħamiema tbissmet tidħak ħlejju,
rasha ċaqilqet erba’ ċaqliqiet,

bħal donnha riedet tgħidli bis-sinjali:
“Oh! Kemm niltaqa’ magħha fis-smewwiet!”

"U issa," qaltli, "fejn int
sejjer waħdek

Tiġġerra 'l hawn u 'l hemm
mingħajr mistrieħ?"

"Minn hawn għal
Innsbruck", jien għidtilha
sejjer,

imbagħad għal Londra
niġri ma' kull riħ."





Waħdek?", issoktat tgħidli.
"Iva waħdi," jien weġibtha,
"ndur dejjem waħdien,
niġġerra fil-wisgħat tad-dinja vojta,
imħabbti nfittex li ma nsib imkien!"

# Tmiem